**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Lulju 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Magri)**

**vs**

**Ronnie Azzopardi**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet - kif korretti b'digriet tas-26 ta' Gunju 2024 - migjuba kontra:

Ronnie Azzopardi ta' 51 sena, bin Mario u Doris nee' Attard imwieled Pieta nhar it-2 ta' Frar 1972, u residenti CCF, detentur tal-karta tal-identita 82072M

Akkuzat talli nhar il-11 ta' Frar 2023 ghall-habta tat-15:00hrs gewwa CCF, Division 2

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Hassan Osman Abuukar f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Hassan Osmann Abukar, liema offiza hija ta' natura gravi skond kif iccertifika t-tabib Dott. C. Cremona ta' CCF;

2. U aktar talli Ronnie Azzopardi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50

tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

2. Rat li fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2024 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

3. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' tnax (12)-il sena prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

4. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

5. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti pprezentati.

6. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

9. Fl-ikkalibrar tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk ma heliex ir-rizorsi tal-forzi tal-ordni u ta' din il-Qorti. Huwa ikkollabora wkoll mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni, u l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti li illum il-gurnata l-vittma u l-imputat huma hbieb.

11. Pero il-fedina penali tal-imputat hija wahda raffrettarja, b'diversi kundanni ghal diversi reati, inkluz diversi reati serji fuq il-persuna, tant li qed jiskonta piena ta' prigunerija ghal ghomru, u piena ohra ta' ghoxrin (20) sena prigunerija.

12. Fil-fatt mill-istqarrija tieghu u mit-trattazzjoni orali jirrizulta li dan l-incident gara ghax waqt li kien fil-bitha tal-habs, l-vittma mar hdejh ipejjep, u l-imputat idejjquh is-sigaretti. L-imputat qal lill-vittma diversi drabi biex jitlaq minn hdejh, izda dan ma tax kazu. Id-diverbju bejniethom skala tant li l-imputat ikkaguna diversi feriti fuq il-vittma.

13. Il-magistrat sedenti rat il-filmat tac-CCTV tal-akkadut, u tosserva li l-bitha in kwistjoni hija kbira hafna u kien hemm ftit prigunieri fiha fil-hin tal-incident. Ghalkemm il-vittma ma weriex kortesija meta mar hdejh ipejjep, l-imputat seta' facilment mexa lejn parti ohra tal-bitha bil-kwiet, fejn ma kienx hemm prigunieri ipejpu, u hekk jevita li jinholqu incidenti.

14. Mic-certifikat mediku ezebit, jirrizulta li konsegwenza ta' dan l-incident, il-vittma sofra:
   (i) lacerazzjoni ta' tlett (3) centimetri fuq il-parti laterali tal-*eyebrow* ta' ghajnu ix-xellugija, li kellha bzonn il-punti biex tfieq;
   (ii) lacerazzjoni zghira ta' subcentimetru fil-parti ta' gewwa ta' widintu x-xellugija;
   (iii) abrazjoni superficjali fuq il-parti ta' wara ta' rasu ta' circa centimetru u nofs (1.5cm).

15. Dawn il-feriti ma kellhomx konsegwenzi neurologici. Pero l-ewwel ferita hija ta' natura gravi stante li saret fuq il-wicc, fil-waqt li z-zewg feriti l-ohra huma ta' natura hafifa.

**Konkluzjoni**

16. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

   (1) Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216(1)(b), 49, 50 u 33A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena ta' tletin (30) xhar prigunerija.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**